KLR 67/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 12 t'Ottubru 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli, u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

**67.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**67.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.2.1 Is-Sindku talab sospensjoni ta' l-aġenda peress li Paul M. Cassar u Dolindo Cassar li huma residenti fi Triq Vajrinġa, xtaqu jwaslu l-inkonvenjent li qed jinħolqilhom meta Triq Vajrinġa tingħalaq waqt il-ħinijiet tal-ftuħ u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja li hemm fl-istess triq. Il-membri qablu li tiġi sospiża l-aġenda. L-aħwa Cassar spjegaw fid-dettall, anke' permezz ta' korrispondenza, rigward l-inkonvenjent li għandhom sabiex jużaw il-vetturi tagħhom waqt dawn il-ħinijiet. Sostnew li Triq Vajrinġa qed tingħalaq anke' matul il-ġranet tas-sajf minħabba *Skola Sajf* u li tingħalaq aktar fit-tul minn dak li juru t-tabelli tat-traffiku li hemm fil-bidu ta' din it-triq u fil-bidu ta' Triq Sir Arturo Mercieca. Qed jintalab li t-triq tibqa' tingħalaq b'eċċezzjoni għar-residenti li għandhom garaxx. It-triq dejjem tingħalaq fil-preżenza tal-Pulizija, allura mhux il-kas li wieħed isuq b'mod eċċessiv. Is-Sindku qal li din il-konċessjoni kienet ġiet sospiża mill-Pulizija, u l-membri tal-Kunsill ma sabux oġġezzjoni li din il-konċessjoni terġa tingħata dment li jkun hemm il-kunsens ta' *Transport Malta* (TM) u tal-Pulizija. Din it-talba għandha tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM. Is-Sinjuri Cassar irringrazzjaw lill-Kunsill u ħallew il-kamra.

67.2.2 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li hu u s-Segreatrju Eżekuttiv irċevew taħrika fir-rigward ta' spezzjoni li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill mill-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li tqabdet il-kumpanija *GaleaCurmi Consultants Ltd.* sabiex tħejji r-rapport tar-*risk assessment*. Sadanittanti il-membri qablu li titħallas il-multa ta' €250 sabiex taqa' l-kawża u jsir ix-xogħol kollu rrakomandat fir-rapport;

67.2.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri li mal-*bollard* ta' Pjazza Indipendenza twaħħal avviż tal-Awtorita' tal-Ippjanar PA/06251/18 li hi applikazzjoni sabiex issir forma ta' *digital kiosk* u *smart bench* li jinkludu xogħol ta' trinek fi Pjazza Inidendenza. Is-Sindku ħa l-inkarigu sabiex permezz tal-Perit, il-Kunsill joġġezjona għal din l-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-preżent s-sit ta' din l-applikazzjoni hu fil-*bus terminus* tar-Rabat.

67.2.4 Rigward ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Loretu fi Triq Għajn Qatet, il-membri ġew mgħarrfa li l-Perit biddel xi speċifikazzjonijiet tal-offerta u l-membri qablu li din għandha terġa toħroġ. Sadanittant ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**67.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

67.3.1 is-Segretarju Eżekuttiv li resqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 89 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2019. Dan għandu jiġi approvat ukoll mid-Direttur fid-Dipartiment għal-Gvern Lokali;

67.3.2 is-Segretarju Amministrattiv tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella fejn talab sabiex 'RockAstra 2019' issir nhar is-Sibt 8 ta' Ġunju 2019. Il-membri qablu ma dan peress li għas-sena 2019 is-Soċ. Fil. La Stella jmiss li tgħażel l-ewwel data għall-attivitajiet ta' Jum iur-Rabat;

67.3.3 Dr Robert B Smith rigward skema ta' fondi Eworpej sabiex jiġu tranġati ħitan tas-sejjieħ;

67.3.4 Dr David Farrugia li talab sabiex isir kors tas-CPR u AED lill-pubbliku fil-bini tal-Kunsill. Il-membri qablu ma dan;

67.3.5 is-Segretarju Parlamentari għal-Persuni b' Diżabilita u Anzjanita' Attiva, Anthony Agius Decelis, rigward il-Permju Soċjeta Ġusta;

<u>Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq</u>

Il-membri qablu li:-

67.3.6 tiġi xxiftjata bozza li tinsab mal-Barrakka fi Triq Repubblika peress li l-Barrakka qed tiġi restawrata mill-Ministeru għal-Għawdex;

67.3.7 ssir bozza ġdida fuq il-bieb ta' Block H, Bieb A, f'taċ-Ċawla H.E.;

67.3.8 titneħħa bozza temporanjament minn ma' 23, Triq San Duminku. Is-sid aċċettat li meta jerġa' jittella l-post, terġa' ssir bozza mal-bini;

67.3.9 tiġi xxiftjata bozza li tinsab fuq arblu quddiem post ġdid fi Triq l-Ewropa. L-Enemalta poġġiet arblu ieħor fejn għandha tiġi xxiftjata din il-bozza;

67.3.10 jintalab il-parir tal-Enġiniera tad-dawl sabiex issir bozza u arblu ġdid fi Triq Ġorġ Pisani fuq in-naħħa ta' ġew;

67.3.11 jintalab il-parir tal-Enġiniera tad-dawl sabiex isir dawl ġdid fi Triq Għajn Qatet fil-parti ta' quddiem l-Isptar. Dan wara li l-Ministeru għal Għawdex għamel it-tarmac f'din il-parti tat-triq. Il-Kunsill għandu wkoll jistaqsi lill-Ministeru għal Għawdex fir-rigward tal-arbli u l-bozzoz li kien hemm qabel inqalgħet it-triq.

67.3.12 L-Enġiniera tad-dawl għandhom jintalbu dettalji fuq bozza li meta kien qed isir il-proġett tal-ERDF tneħħiet minn ma post u flokha sar fanal fuq il-post ta' biswit. Dan fi sqaq fi Triq Arċipreit Saver Cassar. Is-sid tal-post fejn tpoġġa l-fanal qed jgħid li ma kienx ta kunsens li jitpoġġa dawl mal-propjeta' tiegħu.

## 67.4 *Playing Field*

Is-Sindku qal li l-attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tat-tisbieħ tal-*playing field* kienu suċċess. Kien jidher li kein hawn għatx għal dan il-proġett. Tenna li s-CCTVs qed jiġu ssettjati

Il-membri qablu li:-
- l-offerta sabiex isiru *pointed edge protectors* maċ-ċnut tal-*playing field* tingħata lill-JGC Playon Ltd. Dan kien l-orħos prezz offrut u l-kunsill mexa fuq il-parir tar-rapport tal-bord;
- l-istima sabiex jiġi provdut ilma għat-tisqija tas-siġar u arbuxelli ser tingħata lill-Sammy Attard u dan fuq il-parir tar-rapport tal-bord;
- tinħareġ offerta sabiex tinxtara *gazebo* biex titpoġġa fil-parti ta' wara tal-*playing field* fejn hemm post speċifikat għal din l-istruttura;
- l-ħinijiet tal-ftuħ u ta' l-egħluq tal-*Playing Field* ikunu fix-xitwa bejn is-07.00 u s-18.00 u fis-sajf bejn is-07.00 u t-20.00.

## 67.5 Pjazza Santu Wistin

Is-Sindku fakkar lill-preżenti li ser issir it-tieni laqgħa mar-resdenti tal-inħawi ta' Pjazza Santu Wistin, nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2018 fis-19.30 fl-Oratorju Don Bosco. F'din il-laqgħa l-Perit Edward Scerri ser irressaqq il-pjanti li ser jiġu sottomessi għall-permessi neċessarji. L-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar ġiet imħallsa u ġiet sottomessa wkoll it-talba lill-Awotrita' tal-Artijiet.

## 67.6 Immaniġjar tat-Traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

67.6.1 *one meter double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 83, Triq Michele Busuttil;

67.6.2 *road markings* fi Triq Santa Dminka.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM:-

67.6.3 għall-*timed reserved parking bay* għall-MUSEUM tas-subien fi Triq it-8 ta' Diċembru;

67.6.4 *un/laoding bay* quddiem ħanut fi Triq l-Ariċisqof Pietru Pace;

67.6.5 *un/laoding bay* quddiem ħanut fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

67.6.6 *double yellow lines* fi Triq Vajrinġa n-naħħa ta' Pjazza Santu Wistin, fejn tidjieq it-triq u fil-kantuniera ma Pjazzetta fuq it-Tomba.

<u>Korrispondenza oħra relatata mat-traffiku</u>

67.6.6 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Colin Apap, 138, Triq Sant' Ursola. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM;

67.6.7 Rigward mozzjoni numru 22 li tressqet mill-membru Buttiġieġ, tressaq il-*feedback* tar-residenti. Għaxar residenti jaqblu li t-triq tiġi *one way* bil-kontra, pero' għoxrin resident ma jaqblux. Għaldaqstant it-traffiku għandu jibqa' għaddej kif inhu fil-preżent.

67.6.8 Il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jinbeda proġett nazzjonali ta' *car sharing*. Bl-għajnuna ta' TM fir-Rabat intgħażlu 4 postijiet fejn ser ikun hemm *parking bays* riservati għal dan il-għan.

67.6.9 Il-Kunsill għandu jirrapporta kemm lill-TM, lill-Gwardjani Lokali w anke' lill-Pulizija li *coaches* bit-turisti qed jieqfu jnižżlu n-nies quddiem is-Seminajru fi Triq Enriko Mizzi, fejn din il-parti tat-triq hi *area* ta' *no waiting.*

## 67.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2018 skont dokument A anness.

## 67.8 Xogħolijiet oħra

Il-membri qablu li:-

67.8.1 tinħareġ offerta li tkun tkopri l-manteniment ta' kubetti f'toroq u bankini fir-Rabat;

67.8.2 li l-Kunsill jgħin fil-loġistika sabiex tiġi organiżżata 'Lejla Maltija' u 'Beer Fesitval' fi Pjazza Santu Wistin. Flimkien mal-Kunsill, l-organiżżaturi huma l-Oratory Youths F.C.;

67.8.3 jinxtraw għaxar kotba bl-isem 'Minn Newman sa Blair'. Dan għadu kif ġie ippublikat mill-awtur Rabati, Fr. Geoffrey G. Attard.

67.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li daħħlu €9,615.38 li jkopru l-fondi mill-iSkema Inizjattiva finanzjarja Tarmac fi Triq Sir Arturo Mercieca.

**67.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 6 ta’ Novembru 2018 fis-19.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |